# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 21 ta' Mejju, 2025

Avviz tat-Talba numru: 83/2024 CL

**Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited** (C 10865)

**VERSUS**

**Maxine Anna Marie Borg** (KI nru: 38989M)

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-20 ta' Marzu 2024, fejn is-socjeta attrici talbet lil Tribunal jordna u jikkundana lill-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u sbatax-il euro u sebgha u hamsin centezmu (€517.57) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11103718 fuq talba u a beneficcju tal-konvenuta, hekk kif jirrizulta mill-fattura annessi u mmarkati bhala Dok X1. Illi dan il-kreditu gie ikkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta mill-affidavit anness u mmarkat bhala Dok X2. Bl-ispejjes inkluz tal-ittra ufficjli 1360/23 u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra illi fit-12 ta' Gunju 2024 dehret il-konvenuta u ipprezentat rikors li kien sar fil-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tigi ammessa ghal beneficcju gratwita u ghalhekk it-terminu ghar-risposta gie estiz b'ghoxrin gurnata mit-12 ta' Gunju 2024 sabiex tipprezenta r-risposta taghha.

Ra r-risposta li giet ipprezentata fit 2 ta' Lulju 2024, fejn it-talba tas-socjeta attrici kienet qieghda tigi ikkontestata u kienet s-socjeta attrici li kellha tipprova dak allegat minnha.

Fit-13 ta' Novembru 2024 xehdet Leanne Farrugia li ipprezentat dokumenti li gew komplessivament immarkati Dok LF1 u li huma statement tal-kont ta' Maxine Anna Marie Borg, kuntratt li kien gie iffirmat minnha u kopja tal-invoices li jidhru li ghadhom pending fuq il-kont. Ikkonfermat illi l-ammont ta' €517.57 kien ghadu kollu pendenti u l-ahhar pagament li kien sar kien ta' €20 fil-25 ta' April 2022, liema ammont kien gja mnaqqas mill-ammont pendenti. Fid-9 ta' Dicembru 2024 xehdet Leanne Farrugia in

kontro ezami fejn regghet ikkonfermat li l-hlas ta' €20 li sar fil-25 ta' April 2022 kien sar qabel ma gie ikkalkolat l-ammont dovut ta' €517.57. Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2025 Dr Joseph Ellis informa lit-Tribunal li l-konvenuta ma kinitx ikkomunikat mieghu ghalhekk ma kellux provi xi jressaq u talab differiment. Fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2025 it-Tribunal gie infurmat li l-konvenuta ma kinitx ikkomunikat mal-avukat u ghalhekk ma kellhiex provi xi tressaq. Stante li l-konvenuta kellha zewg seduti biex tressaq il-provi u ma resqet ebda provi it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-provi maghluqa tenut kont li skond l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta dawn il-proceduri ghandhom jistemghu u jinqatghu sommarjament.

Rat l-affidavit ta' Dr Jeremy Debono, in raprezentanza tas-socjeta attrici, li permezz taghha ikkonferma li l-ammont kien ghadu kollu dovut. Semghet ix-xhieda ta' Leanne Farrugia li ukoll ikkonfermat l-ammont kien kollu dovut u pprezentat dokumenti. Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mis-socjeta attrici fi proceddiment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' hames mija u sbatax-il euro u sebgha u hamsin centezmu (€517.57) bl-imghaxijiet mill-20 ta' Marzu 2024[1], sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, huma kollha a kariku tal-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Data ta' meta giet intavolata l-kawza odjerna stante li ma gietx ipprrezentata kopja tal-ittra ufficjali 232/2024 li saret referenza ghaliha.